

**RIŻOLUZZJONI (UE) 2018/1455 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-18 ta' April 2018****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2016**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2016,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0077/2018),
- A. billi l-Impriża Konġunta SESAR ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet fi Frar 2007 biex tmexxi l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li huwa intenzjonat biex jimmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku fl-Ewropa,
- B. billi wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014<sup>(1)</sup>, il-Programm SESAR 2020 ("SESAR 2020") estenda t-tul ta' żmien tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024;
- C. billi l-Impriża Konġunta ġiet imfassla bħala sħubija pubblika-privata, bl-Unjoni u Eurocontrol bħala membri fundaturi;
- D. billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-fażi ta' attwazzjoni tas-SESAR 2020 2014 sa 2024 iffinanzjat minn Orizzont 2020 hija ta' EUR 585 000 000; billi skont il-Ftehimiet ta' Sħubija l-ġodda tal-Orizzont 2020, il-kontribuzzjoni minn Eurocontrol mistennija li tkun ta' madwar EUR 500 000 000, u l-kontribuzzjoni tas-sħab l-oħra mill-industrija tal-avjazzjoni mistennija li tkun ta' madwar EUR 720 700 000 li 90 % minnha għandha tkun *in natura*;

**Segwitu għall-kwittanza 2015**

1. Jinnota li l-Impriża Konġunta inkorporat fil-proċeduri tagħha l-mudell komuni għad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess;

**Ġenerali**

2. Josserva mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 (ir-"rapport tal-Qorti") li daww il-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2016, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
3. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Qorti jiddikjara li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2016 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

**Ġestjoni baġitarja u finanzjarja**

4. Jinnota li fl-2016, il-baġit tal-pagamenti tal-Impriża Konġunta kien ta' EUR 157 100 000 (2015: EUR 136 900 000);
5. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-baġit finali 2016 disponibbli mis-Seba' Programm Kwadru ("FP7") u mill-Orizzont 2020 kien jinkludi approprijazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 101 400 000 u approprijazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 162 800 000;

<sup>(1)</sup> ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1.

6. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 95,7% u 63,2% rispettivament; jesprimi tħassib dwar il-fatt li r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament hija prinċipalment dovuta għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-istudji u l-iżviluppi li twettqu mill-membri tal-Impriża Konġunta; jirrikonoxxi li waħda mir-raġunijiet ewlenin għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-pagamenti għall-istudji u l-iżviluppi tal-membri kienet id-diffikultajiet biex jiġu adattati l-għodod komuni tal-IT tal-Orizzont 2020 għall-bżonnijiet speċjali tal-Impriża Konġunta; madankollu, għandha tingħata prijorità biex jiġi żgurat li fil-futur ma jerġgħux iqumu dawn il-kwistjonijiet;
7. Jinnota li, bħala parti mill-awditu tal-2016 ġew awditjati 383 dikjarazzjoni tal-ispejjeż, li jirrappreżentaw il-15-il Membru kollha u li jammontaw għal EUR 77 000 000 jew 10% tal-ispejjeż totali ddiċjarati ta' EUR 728 800 000, b'rata tal-iżball residwu ta' 1,34%;

#### **Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7 u t-TEN-T**

8. Jinnota li mill-baġit operattiv u amministrattiv totali ta' EUR 892 800 000 għall-attivitajiet tal-Programm SESAR 1 ("SESAR 1"), sa tmiem l-2016 l-Impriża Konġunta SESAR kienet għamlet impenji ta' EUR 827 400 000 u pagamenti ta' EUR 704 200 000 (79% tal-baġit disponibbli);
9. Jinnota li mill-ammont ta' EUR 1 254 500 000 ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li għandhom isiru mill-membri l-oħra għall-attivitajiet operattivi u amministrattivi tal-Impriża Konġunta (EUR 670 200 000 mill-Eurocontrol u EUR 584 300 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru), sa tmiem l-2016 l-Impriża Konġunta kienet invalidat kontribuzzjonijiet li jammontaw għal EUR 910 000 000 (EUR 427 700 000 mill-Eurocontrol u EUR 482 300 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru); jinnota, barra minn hekk, li sa tmiem l-2016, kienu ġew rappurtati kontribuzzjonijiet *in natura* li jammontaw għal EUR 133 500 000 mill-membri l-oħra lill-Impriża Konġunta (EUR 49 200 000 mill-Eurocontrol u EUR 84 200 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru);
10. Jinnota li fi tmiem l-2016, il-kontribuzzjonijiet kumulattivi fi flus kontanti mill-Unjoni kienu jammontaw għal EUR 597 100 000, meta mqabbla mat-total tal-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti mill-Eurocontrol, li jammonta għal EUR 476 900 000, u EUR 566 500 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru;

#### **Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020**

11. Jinnota li mill-ammont ta' EUR 585 000 000 ta' fondi taħt Orizzont 2020 li ġew allokati lill-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni ta' SESAR 2020, sa tmiem l-2016, l-Impriża Konġunta kienet għamlet impenji ta' EUR 61 600 000 u pagamenti ta' EUR 49 900 000 (8,5% tal-fondi allokati); jinnota, barra minn hekk, li l-pagamenti kienu prinċipalment pagamenti ta' prefinanzjament għall-ewwel sensiela ta' proġetti ta' SESAR 2020;
12. Jinnota li sa tmiem l-2016, il-kontribuzzjonijiet kumulattivi fi flus kontanti mill-Unjoni għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta kienu jammontaw għal EUR 56 800 000;
13. Jenfasizza li huwa mistenni li l-membri l-oħra jagħmlu kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti ta' EUR 1 220 700 000 għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta għal SESAR 2020 (EUR 500 000 000 mill-Eurocontrol u EUR 720 700 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru); jesprimi t-tħassib tiegħu li sa tmiem l-2016 l-ebda kontribuzzjoni *in natura* u fi flus kontanti ma kienet ġiet invalidata mill-Bord Amministrattiv, jinnota madankollu, li l-proġetti SESAR 2020 kienu fl-istadji bikrin tagħhom; jirrikonoxxi l-fatt li huwa mistenni li l-membri se jissottomettu l-ewwel dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom fl-2018, u wara l-Impriża Konġunta se tibda tivvalida l-kontribuzzjonijiet *in natura* relatati;
14. Jinnota li l-Impriża Konġunta ffaċċjat diffikultajiet fl-adattament tal-għodod tal-IT ta' Orizzont 2020 għall-ħtiġijiet partikolari tagħha, u dan irriżulta f'dewmien fl-implimentazzjoni tal-pagamenti għall-istudji u l-iżviluppi tal-membri; jiddeplora l-fatt li EUR 14,5 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament — relatati ma' talbiet ta' SESAR 2020 għal proposti u attivitajiet li inizjalment kienu bbaġitjati fl-2016 — kellhom jiġu kkanċellati permezz ta' baġit emendat għall-2016 minħabba fatturi esterni lil hinn mill-kontroll tal-Impriża; huwa mħasseb dwar it-tendenza dejjem tikber ta' impenji pendenti (RAL), li żiedu minn EUR 72,1 miljun għal EUR 83,8 miljun matul l-2016, u jitlob li din ix-xejra titreġġa' lura wara t-tranżizzjoni għal SESAR 2020;
15. Jilqa' l-iffirmar tal-ftehim imġedded tal-Impriża Konġunta Eurocontrol/SESAR fl-2016, li jiddefinixxi r-rwol il-ġdid tal-Eurocontrol bħala kofundatur ta' SESAR u li jinkludi sensiela ta' impenji u attivitajiet rigward l-implimentazzjoni ta' SESAR 2020; jilqa' wkoll iż-żieda fin-numru ta' membri għal 19-il membru, li jirrappreżenta 'l fuq minn 100 kumpanija mifruxin mas-settur kollu, li se jipparteċipaw fl-attivitajiet tar-riċerka industrijali, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' SESAR 2020; jieħu nota tal-adozzjoni tal-ewwel edizzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Impriża għall-perjodu 2017-2019;

**Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ**

16. Jinnota mir-rapport tal-Qorti, li fil-31 ta' Diċembru 2016, l-Impriża Konġunta kellha 44 membru tal-persunal impjegati magħha (2015: 41);
17. Jirrimarka li l-Impriża Konġunta wettqet sitt proċeduri ta' akkwist b'valur approssimattiv ta' EUR 22 300 000 f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta, biex tiżgura kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri u l-aktar użu effiċjenti tal-fondi tal-Impriża Konġunta;
18. Jinnota li fil-proċeduri tagħha għall-akkwist ta' servizzi, l-Impriża Konġunta tistabbilixxi baġit massimu għall-kuntratti; jinsab imħasseb dwar il-fatt li dan l-ammont massimu mhuwiex ibbażat fuq proċess sistematiku ta' stimar tal-ispejjeż fuq sistema raġonevoli ta' referenza għall-prezzijiet tas-suq; jinnota madankollu li dan ma jiżgurax il-kosteffettività tal-kuntratti ta' servizz pluriennali tagħha, billi l-esperjenza turi li l-biċċa l-kbira tal-offerti riċevuti kienu viċin il-baġit massimu; jilqa' l-fatt li wara l-osservazzjoni tal-Qorti, f'April 2017, l-Impriża Konġunta introduċiet metodoloġija biex tivvaluta b'mod sistematiku l-ħtiġijiet u l-ispejjeż għall-kuntratti matul il-fażi ta' ppjanar ta' akkwist;
19. Jinnota r-riżultati tal-eżerċizzju tal-2016 ta' valutazzjoni komparattiva fil-qasam tar-Riżorsi Umani: 62 % postijiet operattivi, 30 % postijiet amministrattivi u 8 % postijiet newtrali;

**Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza**

20. Jinnota li matul l-2016 twettqu disa' awditi minn kumpanija esterna tal-awditjar differenti minħabba li ġie identifikat kunflitt ta' interess ta' Membru mal-awditur statutorju; jieħu nota li l-Impriża Konġunta adottat kuntratt qafas rivedut għas-servizzi tal-awditjar ma' tliet ditti tal-awditjar esterni u l-attività ta' awditjar titwettaq biss minn dawk id-ditti; jenfasizza l-fatt li ebda kwistjoni materjali ma ġiet identifikata mill-awditi mwettqa sa issa li tkun tirrikjedi l-attenzjoni tal-Bord Amministrattiv;

**Kontroll Intern**

21. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq rieżamijiet finanzjarji u operattivi fl-uffiċċju, u twettaq awditi *ex post* tal-benefiċjarji;
22. Jesprimi tħassib li l-Impriża Konġunta għadha ma introduċietx gwida speċifika għall-membri u l-awdituri esterni tagħhom rigward id-dikjarazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri għall-proġetti taħt SESAR 2020; jinsab imħasseb barra minn hekk li l-Impriża Konġunta ma stabbilietx gwida interna dwar il-kontrolli *ex ante* tagħha tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż għall-proġetti SESAR 2020; jilqa' l-fatt li f'Diċembru 2016 il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta d-dokument "Methodology and Validation proċess for In kind contributions (IKC) in the SJU (SESAR 2020 Programme only)" (Proċess ta' Metodoloġija u Validazzjoni għal Kontribuzzjonijiet *in natura* fl-SJU (Programm SESAR 2020 biss); jinnota li l-Impriża Konġunta għandha tinvestiga jekk ikun hemm il-ħtieġa li tadatta l-istrateġija ta' kontroll *ex ante* tal-Kummissjoni għall-Orizzont 2020 għal riskji speċifiċi relatati mal-proġetti SESAR 2020;
23. Jistieden lill-Impriża Konġunta tistabbilixxi proċedura sistematika interna għall-valutazzjoni mill-ġdid ta' konstatazzjoni ta' vijabbiltà finanzjarja dgħajfa fir-rigward ta' koordinatur ta' proġett ta' għotjiet, inklużi miżuri biex itaffu r-riskju finanzjarju akbar u jikkompensaw għalih; jinnota n-nuqqas ta' gwida speċifika għall-membri u għall-awdituri esterni tagħhom fir-rigward tad-dikjarazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura* li saru mill-membri għal proġetti SESAR 2020, u jstieden lill-Impriża Konġunta tiżviluppa Termini ta' Referenza u ċertifikat mudell qabel ma tirċievi kwalunkwe kontribuzzjoni *in natura* fl-2018;
24. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta kompliet tapplika approċċ multidimensjonali bl-iskop li tirrieżamina, timmaniġġja u ttaffi r-riskji b'mod effettiv, u jstenna li l-Impriża Konġunta tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji korporattivi kritiċi li tkun identifikat rigward il-Pjan Regolatorju tal-ATM u SESAR 2020; jilqa' l-fatt li l-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta l-Istrateġija Kontra l-Frodi fit-18 ta' Marzu 2016;
25. Jinnota li fir-rigward ta' SESAR 1 ġew ippjanati 21 eżerċizzju ta' awditjar f'ħames Membri magħżula, li minnhom 14 tlestew fl-2016 bħala parti mit-tielet ċiklu ta' awditjar fil-15-il Membru kollha kif deskritt fl-Istrateġija tal-Awditjar *Ex Post* tal-Impriża Konġunta; jinsab imħasseb dwar ir-rata tal-iżball residwu ta' 6,21 % għas-sena 2016; madankollu, huwa sodisfatt li r-rata tal-iżball residwu kumulattiva ta' SESAR 1 hija ta' 1,34 %;

### Awditi interni

26. Jinnota li f'Ottubru 2015, is-Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu dwar "Governanza operattiva u aġġornament tal-Pjan Regolatorju"; josserva li l-IAS ħareġ tliet rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Impriża Konġunta tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet miftuħa li fadal;
27. Jinnota li f'Ottubru 2016, l-IAS wettaq awditu fuq il-proċessi ta' Orizzont 2020; jinnota l-fatt li l-awditu vvaluta l-konformità tal-Impriża Konġunta mal-proċessi ta' Orizzont 2020, jiġifieri rigward l-identifikazzjoni tas-suġġett, l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti u l-preparazzjoni tal-ftehimiet tal-għotjiet;

### Sejħiet għal proposti

28. Jinnota li għas-sejħa ristretta għal riċerka industrijali li kienet limitata għall-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta, din tat għotjiet lil konsorzji ta' proġetti, minkejja l-fatt li, f'żewġ każijiet, il-kontrolli tal-vijabbiltà finanzjarja tal-benefiċjarji li twettqu mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka kienu indikaw li l-kapaċità finanzjarja tal-membru koordinatur tal-industrija fil-konsorzji kienet dgħajfa; jinnota li dan jimplika riskju finanzjarju ogħla għall-ikkompletar ta' dawk il-proġetti, u r-riskju finanzjarju huwa ogħla wkoll għall-proġetti l-oħra li fihom dawn iż-żewġ benefiċjarji huma involuti; jinnota li f'dawn iż-żewġ każijiet, id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv kienet ibbażata fuq valutazzjonijiet *ad hoc* u komplementari tar-riskju, li twettqu mill-persunal tal-Impriża Konġunta; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Impriża Konġunta għadha ma stabbilietx proċedura interna sistematika biex issir valutazzjoni mill-ġdid fejn il-vijabbiltà finanzjarja ta' koordinatur ta' proġett li nġhata għotja tkun dgħajfa, u li tkun tinkludi miżuri li jimmitigaw u jikkompensaw għar-riskju finanzjarju akbar; jinnota li wara r-riżultati ta' valutazzjonijiet tar-riskju komplementari li twettqu f'konformità mal-linji gwida ta' Orizzont 2020, l-Impriża Konġunta sabet li ċ-ċaħda tal-koordinaturi tal-proġetti fuq l-unika bażi tal-analiżi mmexxija mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka setgħet esponiet lill-Impriża Konġunta għal riskju sinifikanti ta' litigazzjoni; jinnota li l-Impriża Konġunta taqbel li għandha tiġi stabbilita proċedura interna għal valutazzjoni mill-ġdid tal-vijabbiltà finanzjarja dgħajfa ta' koordinatur ta' proġett li nġhata għotja, inklużi l-miżuri li jimmitigaw u jikkompensaw iż-żieda fir-riskji finanzjarji;

### Komunikazzjoni

29. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-Impriża Konġunta tikkomunika maċ-ċittadini tal-Unjoni, permezz tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, rigward ir-riċerka u l-kollaborazzjoni sinifikanti li qed twettaq; tenfasizza l-importanza li ssir enfasi fuq it-titjib reali li twettaq bħala konsegwenza tax-xogħol tagħha, bħala parti importanti mill-mandat tagħha, kif ukoll il-fatt li taħdem ma' impriżi konġunti oħra fil-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni pubblika għall-benefiċċji tax-xogħol tagħhom;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-involviment dirett tal-Impriża Konġunta fil-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu ta' Orizzont 2020 fil-qasam ta' aktar simplifikazzjonijiet u armonizzazzjoni tal-impriżi konġunti.

### Kwistjonijiet oħra

31. Huwa sodisfatt li l-proġetti SESAR 1 inġhalqu mil-lat operattiv fi tmien l-2016 u li 61 soluzzjoni li huma lesti għall-industrijalizzazzjoni u l-mobilizzazzjoni, li jinsabu fl-ewwel edizzjoni tal-Katalogu ta' Soluzzjonijiet ta' SESAR, twasslu lill-komunità tal-avjazzjoni; jinnota li 54 soluzzjoni mibdija f'SESAR 1 se jkomplu jiġu żviluppatti aktar fil-programm SESAR 2020, li jikkostitwixxi eżempju tal-isforzi biex tiġi żgurata tranżizzjoni effettiva bejn iż-żewġ programmi;
32. Jistieden lill-Impriża Konġunta u lill-Kummissjoni jevalwaw ir-riżultati tal-mobilizzazzjoni tas-soluzzjoni SESAR, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgurar tal-interoperabbiltà u mal-passi 'l quddiem fit-tlestija tal-Ajru Uniku Ewropew; waqt li jqis li l-fażi ta' mobilizzazzjoni diġà hija għaddejja, jistieden lil SESAR tibda bl-iżvilupp tal-Proġett Pilota rigward arkitettura ġdida tal-ispazju tal-ajru Ewropew li se jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-effikaċja finanzjarja tal-mobilizzazzjoni;
33. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' "SESAR European Drones Outlook Study" f'Novembru 2016; iqis li hemm bżonn ta' varjeta ta' innovazzjonijiet, inklużi teknoloġiji relatati mal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru, biex id-droni jiġu integrati b'mod sikur fl-ispazju tal-ajru Ewropew; jinnota b'interess il-ħarsa ġenerali tagħha tal-iżvilupp tas-suq Ewropew tad-droni sal-2050 u l-potenzjal enormi għall-Ewropa u l-kompetittività globali tagħha, kif ukoll l-azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu fil-ħames sa għaxar snin li ġejjin biex jiġi liberat dak il-potenzjal, inkluż l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp miksub billi tiġi stabbilita, fil-livell tal-Unjoni, ekosistema li tkopri kemm qafas regolatorju kif ukoll it-teknoloġija, u li tgħaqqad flimkien il-partijiet interessati pubbliċi u privati ewlenin, u li tirriżulta fil-forniment ta' livelli ogħla ta' finanzjament tal-Unjoni, prinċipalment bl-għan li tingħata spinta lill-SMEs fis-settur;

34. Jinnota li l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew għadha frammentata filwaqt li l-Ajru Uniku Ewropew bħala kunċett għadu ma ntlaħaqx; itenni r-rwol kruċjali tal-Impriża Konġunta fil-koordinament u l-implimentazzjoni tar-riċerka fil-proġett SESAR, li huwa proġett pilastru tal-Ajru Uniku Ewropew, għalkemm l-iskadenza biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-proġett SESAR ġiet posposta mid-data oriġinali tal-2020 għall-2035;
  35. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza li tiġi solvuta l-problema tal-frammentazzjoni tal-ajru Ewropew, peress li attwalment is-Suq Uniku Ewropew mhux qed jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi offruti mill-Ajru Uniku Ewropew.
-